MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2007

Numru. 739/2007

PULIZIJA
SPETTUR MARTIN SAMMUT
VS
ALI ZNAGER OSAMA ALAKHDAR

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ali Znager Osama Alakhdar, ta’ 30 sena, iben Rakdar u Warda, imwieled fis-26 ta’ Frar 1977 Tripoli, Libja, u residenti 18, Triq Tumas Dingli, Mosta, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 40471A, u akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-2 ta’ Settembru 2007, f’hinijiet diversi, gewwa l-Bajja ta’ San Gorg, San Giljan:

(1) ikkommetta diversi attentanti vjolenti ghal pudur fuq il-persuni ta’ Sandrine P. Andrade, Natalya Astapenko u diversi tfajliet ohra;

(2) offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar fil-pubbliku jew lok espost ghall-pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens ta' l-imputat (a fol 4) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 2).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi, u wara li rat l-Artikoli 207, 209 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal xahar habs, u multa ta' hamsin Lira Maltin (Lm50) fir-rigward tat-tieni akkuza, u ghar-rigward ta' l-ewwel akkuza, tikkundannah ghal erba' xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

In oltre, din il-Qorti tqieghed lill-imputat taht garanzija pesonali ta' mitt Lira Maltin (Lm100) ghal sena, b'kundizzjoni li ma jkellimx, ma javvicinax, ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-kwerelanti, ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt illi huwa 'a first offender' u l-fatt illi l-agir abbuziv ta' l-imputat sar fuq **zewg** tfajliet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------